## 25 ta' Settembru, 1989

## Imħallef: –

## Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.

Anthony Camilleri

*versus*

Doris Galea

### Spoll – *Animus Spoliandi* – Żviluppi fid-Dottrina

*Azzjoni ta' spoll reċenti u vjolenti. Il-Qorti rrilevat illi sa ċertu żmien ilu l-prinċipju esegwit kien dak illi l-animus spoliandi joħroġ mill-istess atti tal-molestija. Għalkemm f'ħafna każi hekk ikun il-każ, fejn ċjoè l-intenzjoni toħroġ direttament mill-atti stess tal-molestija, jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn il-molestija ma tkunx ġiet akkompanjata mid-debitu animus. Il-molestija trid tkun akkompanjata mid-debitu animus spoliandi. L-atti li bihom tiġi kommessa l-molestija mhux biżżejjed biex jikkostitwixxu spoll.*

*Peress illi l-animus spoliandi ma ġiex ippruvat, il-Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li l-attur huwa proprjetarju tal-fond "*Springfields*", Triq il-Qasam, St. Andrews, li għandu '*shaft*';

Premess li l-attriċi hija proprjetarja tal-*garage* kontigwu għal dan ix-'*shaft*';

Premess li reċentement l-attriċi vjolentement u klandestinament fetħet tieqa mill-*garage* tagħha għal ġox-*shaft* ta' l-esponent;

U premess li dan l-aġir ta' l-attriċi jikkostitwixxi spoll;

Talab għalhekk l-attur lil din il-Qorti:

1. Prevja d-dikjarazzjonijiet li l-aġir tal-konvenut fuq imsemmi jikkostitwixxi spoll;

2. Il-konvenuta tiġi kkundannata li fi żmien qasir u perentorju tagħlaq it-tieqa fuq imsemmija u terġa' tagħmel kollox kif kien;

3. Fin-nuqqas l-attur jiġi awtorizzat jagħmel dawn ix-xogħlijiet hu għas-spejjeż tal-konvenuta;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-2 ta'

Settembru 1985 kontra l-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta fejn teċċepixxi bir-rispett:

1. Illi kif jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża l-eċċipjenti ma kkommettitx spoll kif qed jallega l-attur. Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tiegħu;

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Wara li kkunsidrat li l-azzjoni in diżamina hija l-*actio spolii*. Mill-provi prodotti rriżulta li entro xahrejn minn meta ġiet introdotta dina l-kawża l-konvenuta qabbdet persuna tiftaħ tieqa għall-istess xaft proprjetà ta' l-attur. Il-perit tekniku, wara li żamm ukoll aċċess *in loco* kkonkluda illi fil-fatt kien hemm sinjali ta' tieqa b'għoli ta' ħames (5) filati bejn il-*garage* proprjetà tal-konvenuta u l-bitħa nterna (i.e. ix-*'shaft'*) ta' l-attur. Din il-konklużjoni tikkorrobora dak li qiegħda ssostni l-konvenuta illi meta hija akkwistat il-*garage* tali tieqa kienet diġà ppjantata skond kif jidher mill-pjanta annessa (ara Dok. C a fol. 11 tal-proċess). Anzi l-istess konvenuta tmur oltre u tgħid illi fil-kuntratt ta' akkwist tagħha, l-awturi tagħha kellhom *inter alia* l-fakoltà li jiftħu apertura għax-xaft retropost. Żiedet ukoll li fil-fatt tali tieqa kienet teżisti però din ġiet imbarrata temporanjament minħabba xi rwejjaħ li kienu qegħdin jidħlu mix-xaft. Il-bennej responsabbli għall-ftuħ tat-tieqa xehed hekk in propożitu tax-xogħol:

"Biex naqla' l-ġebel użajt biss tornavit. Apparti miż-żewġ ċnagen kien hemm żewġ (2) fili ta' xi tliet pulzieri l-wieħed li

kienu hemm biex jissikkaw iċ-ċnagen. Jiena qlajt iċ-ċnagen b'idejja'';

Min-naħa tiegħu l-attur sostna li meta huwa akkwista l-fond bix-xaft in kwistjoni, lilu ħadd ma qallu li kien hemm xi terza persuna li setgħet tiftaħ xi tieqa għal ġo dan ix-xaft;

Għandu jiġi rrilevat li l-konvenuta kienet akkwistat il-garaxx tagħha qabel ma xtara l-attur. Min-naħa tiegħu is-sid komuni ta' l-ambjenti, is-Sur Joseph Chetcuti Ganado, xehed b'mod inkonklużiv u nċert u x-xiehda tiegħu ma tantx tgħin għas-soluzzjoni tal-vertenza;

Id-difensuri tal-partijieti għamlu riferena għal diversi deċiżjonijiet rigward spoll mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell. Jidher illi *in materia* ta' spoll – suġġett komunissimu u kostanti f'dawn il-gżejjer – kien hemm żvilupp f'dik li hija d-dottrina għandha tiġi segwita;

Kif ġie rrilevat *in re:* **Joseph Baldacchino *vs* Emanuel Falzon** Qorti ta' l-Appell (Sede Ċivili) tat-22 ta' April 1988, sa ċertu żmien il-prinċipju segwit kien dak illi l-*animus spoliandi* joħroġ mill-istess atti tal-molestija. Illi għalkemm f'ħanfa każi hekk ikun il-każ, fejn ċjoè l-intenzjoni toħroġ direttament mill-att stess tal-molestija, jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn il-molestija ma tkunx ġiet akkompanjata mid-debitu *animus*. Dina l-iżvolta fid-dottrina ta' l-ispoll mhix unika għal Malta. Di fatti, l-awturi Scialoja e Branca fil-*Commentario del Codice Civile Della Proprietà,* Vol. III, iċċitat ukoll f'dina d-deċiżjoni kitbu dan:

''*A questa dottrina noi stessi abbiamo aderito, ma adesso*

*dopo più matura riflessione, essa ci apparisce come un puro ripiego pratico, ingiustificata logicamente'';*

F'deċiżjoni aktar riċenti fl-ismijiet: **Grace Chetcuti** ***vs*** **Francis Muscat** ***et*** tal-21 ta' Ġunju 1989 mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell ġie enunċjat dan il-prinċipju suespost b'mod aktar espliċitu u konkret;

''Il-molestija trid tkun akkumpanjata mid-debitu *animus spoliandi*. Fil-fatt l-atti li bihom tiġi kommessa l-molestija waħedhom mhux biżżejjed biex jikkostitwixxu spoll, iżda jrid jiġi nvestigat ukoll b'liema intenzjoni saru *'ed in tal caso si rende indispensabile far ricorso al titolo, in virtù del quale gli atti si sono compiuti non già per giudicare del diritto di colui che ha irrogato la molestia bensi del suo animo col quale ha esercitato gli atti in questione' ''*. (Ara Ricci, Vol. V, pp. 135 – 6 para. 93);

Meta wieħed japplika din id-dottrina għall-fatti tal-każ isib li ma jistax jiġi ritenut li jeżisti lok ta' spoll. Il-konvenuta aġixxiet a bażi ta' klawsola kontrattwali (ara kuntratt tad-9 ta' Marzu 1978, Dok. B fol. 10, klawsola numru 5) in atti tan-Nutar George Bonello Du Puis li permezz tagħha ngħatat mill-venditur il-fakoltà li tiftaħ apertura għax-xaft retropost. Ipprovat ukoll l-istess konvenuta illi effettivament tali apertura kienet pre-eżistenti għall-akkwist ulterjuri da parti ta' l-attur tal-fond tiegħu u li din it-tieqa kienet ġiet imbarrata b'mod temporanju tant li setgħet tinfetaħ mill-ġdid b'mod faċli ħafna. Għalhekk l-*animus spoliandi* f'dan il-każ ma ġiex ippruvat;

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tiċħad it-talbiet ta' l-attur bl-

ispejjeż kollha ġudizzjarji, inklużi dawk peritali kontra l-istess attur.